# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.5

**Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi**

**Lezzjoni 2.5 – Meta nkun waħdu u fi grupp**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

- jitgħallmu x'għandhom jagħtu lura għal li jirċievu min-nies ta' madwarhom.
- janalizzaw li bħala grupp iridu jaħdmu u jgħixu flimkien.
- jifhmu li kull persuna għandha bżonn ix-xogħol tal-oħrajn.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



**Videoclip: The four friends**

[https://www.youtube.com/watch?v=8C-ebZOZaxw&spfreload=10](https://www.youtube.com/watch?v=8C-ebZOZaxw&spfreload=10)

**Karta ta' Taħriġ: 2.4**

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Introduċi l videoclip *The Four Friends*.
- Stieden lit-tfal sabiex jarawh. Forsi jkun tajjeb li tgħid l-istorja fil-qosor ħalli kulħadd ikun jista' isegwi.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Staqsi li tfal: X'tagħlima qed twassal din l-istorja?
  X'għamlu biex dawn l-annimali qabżu għal xulxin?
  X'seta' ġara kieku ma ħadmux flimkien?
- Spjega kif fid-dinja kulħadd għandu bżonn lil xulxin. Kieku dawn l-annimali ma kinux qabżux għal xulxin fil-għawġ, kieku kienu jispiċċaw ħażin.
- Spjega: Issa li bdejt nikber nibda nagħmel attivitajiet waħdi mingħajr l-għajnuna ta' ħadd. Insir ftit indipendenti. Iżda mhux sew li dejjem ngħix waħdi. Għandi bżonn ngħix ukoll fi grupp biex naħdmu flimkien u ngħixu flimkien.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.4. Aqra s-silta mogħtija u agħti spjega tagħha.
- Iddiskuti mat-tfal biex flimkien jimlew Attività 1.
- Iddiskuti ftit r-rwol fil-grupp u stieden lit-tfal jaħdmu bħala grupp u jippruvaw jaqtgħu s-sentenzi ta' kif għandhom jiġu.
- Iddiskuti Attivita 3 u oħroġ il-punt tal-importanza tar-regola fil-grupp.
- Agħlaq il-lezzjoni b'talba addattata.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-familja hija l-ewwel grupp fejn jirċievu ħafna mħabba u jitgħallmu jagħtu sehemhom.
2. Meta nidħlu l-iskola nitgħallmu ngħixu wkoll mal-ħbieb.
3. Biex jgħixu fi grupp importanti li jagħtu sehemhom, inkella jkun hemm min jaħdem iżżejjed u min ma jagħmel xejn.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal jagħtu sehemhom kull fejn ikunu, l-aktar fil-gruppi li jagħmlu parti minnhom.
- Ir-regoli importanti halli kollox jimxi bil-kwiet u bl-ordni.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Ġesù għallimni nagħraf x'inhuma l-bżonnijiet tal-familja u tal-klassi tiegħi u urini fejn u kif nista' nagħti sehmi.

